**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 14 ta' Diċembru 2023**

**Kumpilazzjoni numru 55/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Lorraine Spiteri Singh**
**Brandon Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Lorraine Spiteri Singh ta' 29-il sena bint Domenico Savio u Theresa nee' Curmi imwielda Rabat, Għawdex nhar il-24 ta' Mejju 1992 u toqgħod 79, Francis, Triq tal-Għajn, Fontana detentriċi tal-karta tal-identita' numru 24692G u Brandon Bartolo ta' 31 sena, iben Gordon u Anna nee' Difesa mwieled Pieta, fil-23 ta' Lulju 1990 u residenti 56, Triq Zekka, Valletta, Detentur tal-karta tal-identita` 363190M fejn ġie akkużat talli nhar is-7 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' 6.15 pm waqt li kienu qegħdin fi Triq il-Forn, Żebbug Għawdex u/jew fil-viċinanzi;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe` offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincenzo Bottaro, hekk kif ċertifikat minn Dr Anora Shakzoda MD Reg No 4522 u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess lok, ħin, data u ċirkostanzi kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli rrendew ruħhom reċidivi b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidhrilha xierqa, tipprodi għas-sigurta` ta' Vincenzo Bottaro u terzi persuni sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffisata mill-Qorti.

Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Vincenzo Bottaro u l-familja tiegħu skont artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet il-provi kollha prodotti.

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset illi f'din il-proċedura, il-Prosekuzzjoni apparti għal dokumenti li ppreżentaw, ressqu xhieda viva voce konsistenti fis-segwenti:

i. Dr Michael Refalo li spjega li t-tabib li kien eżamina lil Lorraine Spiteri Singh u lil Amandeep Singh ma għadux jaħdem fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex;
ii. Spettur Bernard Charles Spiteri li spjega dak li ġie rrapportat lilu u l-kontenut tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati;
iii. PC326 Benjamin Portelli li rraporta dak li ntqal lilu a tempo vergine mill-partijiet involuti f'din il-ġlieda;
iv. Dr Anora Khan li xehdet dwar ċertifikat mediku rilaxxat fir-rigward ta' Vincenzo Bottaro;
v. PS 715 Lucian Gatt li xehed dwar dak li ġie rrapportat lilu;
vi. Vincenzo Bottaro li għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri u dana in vista ta' proċeduri li hemm fil-konfront tiegħu dwar dan l-istess inċident.

Għalkemm din il-Qorti għandha quddiemha l-istqarrijiet rilaxxati mill-allegata vittma u kif ukoll mill-imputati, din il-Qorti ma tqisx li quddiemha tressqu provi biżżejjed lil hinn minn kull dubju raġjonevoli sabiex issib ħtija fl-imputati fir-rigward tal-ewwel żewg imputazzjonijiet. Stante li dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati, l-imputati lanqas ma jistgħu jinstabu ħatja tat-tielet imputazzjoni.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil entrambi l-imputati minn kull kundanna u ħtija.**

**(ft) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**